



Brussell, 3 ta' Marzu 2025  
(OR. en)

6686/25

LIMITE

STAT 12  
FIN 253

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Frar 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 1150 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'26.2.2025 dwar ir-rieżami tal-iskala għal missjonijiet minn uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea fl-Istati Membri


Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 1150 final.

Mehmuż: C(2025) 1150 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 26.2.2025  
C(2025) 1150 final



**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'26.2.2025**

**dwar ir-rieżami tal-iskala għal missjonijiet minn uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni  
Ewropea fl-Istati Membri**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolamenti tal-Persunal jeħtieġu li l-Kummissjoni tagħmel rieżami kull sentejn, permezz ta' att delegat, tar-rati tal-ispejjeż tal-missjonijiet (il-gratifika għas-sussistenza għal kull jum u l-limiti massimi għal-lukandi)<sup>1</sup>. Peress li l-għan ta' dan ir-rieżami huwa li tirrifletti l-bidliet fil-prezzijiet tal-lukandi, tar-ristoranti u tas-servizzi tal-catering f'kull Stat Membru u b'hekk tippermetti kopertura adegwata tal-ispejjeż tal-missjonijiet, dan għandu jsir fid-dawl ta' rapport dwar l-evoluzzjoni tal-indiċijiet ta' dawn il-prezzijiet. Ir-Regolament Delegat jikkostitwixxi t-tieni rieżami mill-ġdid tar-rati tal-ispejjeż tal-missjonijiet mill-Kummissjoni wara li nġhatat is-setgħa li tadotta atti delegati dwar dan is-suġġett u<sup>2</sup> adottat tali Regolament Delegat fl-2016<sup>3</sup>.

### 2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Eurostat ippreżenta Rapport dwar l-aġġornament tal-ispejjeż tal-missjonijiet (il-gratifikasi għas-sussistenza għal kull jum u l-limiti massimi għal-lukandi)<sup>4</sup>. Il-metodoloġija sottostanti użata fir-rapport ġiet approvata mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Artikoli 64 u 65 tar-Regolamenti tal-Persunal f'Marzu 2019. Fil-proċess tat-tħejjija tal-abbozz tar-Regolament Delegat, kienet żgurata trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Laqgħa tal-esperti *ad hoc* informali dwar it-tħejjija ta' dan l-abbozz ta' att delegat ġiet organizzata mis-servizzi tal-Kummissjoni bil-parteċipazzjoni ta' esperti mill-Istati Membri u l-amministrazzjoni tal-Parlament Ewropew fid-9 ta' Lulju 2024. Matul il-laqgħa, tqajmu mistoqsijiet dwar l-impatt baġitarju, li l-Kummissjoni indirizzat u spjegat b'mod ċar li l-aġġornament mhu se jkollu l-ebda impatt addizzjonali fuq l-Intestatura 7 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali minħabba li l-missjonijiet huma parti min-nefqa mhux relatata mas-salarji, li hija soġġetta għal żieda annwali massima ta' 2 % għall-kategoriji kollha tan-nefqa. Ħafna Stati Membri esprimew appoġġ għad-direzzjoni meħuda mill-Kummissjoni.

L-abbozz tar-Regolament Delegat u r-rapport ġew diskussi mar-rappreżentanti tal-persunal mit-trejdjunjins u l-assoċjazzjonijiet tal-persunal tal-Kummissjoni u r-rappreżentanti tal-persunal tal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE skont il-proċeduri xierqa<sup>5</sup>.

### 3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Skont l-Artikolu 71 tar-Regolamenti tal-Persunal, uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea għandhom dritt għal rimborż tal-ispejjeż li jkun ġarrbu matul il-qadi ta' dmirijietom jew

<sup>1</sup> L-Artikolu 13(3) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

<sup>2</sup> *Ibid.*

<sup>3</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1611 tas-7 ta' Lulju 2016 dwar ir-rieżami tal-iskala għal missjonijiet minn uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea fl-Istati Membri [C(2016) 4164] (ĠU L 242, 9.9.2016, p. 1, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2016/1611/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2016/1611/oj)).

<sup>4</sup> Ir-rapport tal-Eurostat dwar l-aġġornament tal-2023 tal-ispejjeż tal-missjonijiet (il-gratifikasi għas-sussistenza għal kull jum u l-limiti massimi tal-lukandi) għal destinazzjonijiet Intra-UE u Extra-UE f'konformità mal-Artikolu 13(3) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal applikabbli għall-uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea, skont il-metodoloġija approvata mill-Grupp ta' Ħidma ta' Esperti dwar l-Artikoli 64 u 65 tar-Regolamenti tal-Persunal, li jippreżenta l-kalkoli bid-data ta' referenza l-1 ta' Lulju 2023.

<sup>5</sup> Fl-10 ta' Ottubru 2024.

b'rabta miegħu. L-Artikolu 13(3) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdi li fid-dawl ta' rapport dwar l-evoluzzjoni tal-indiċijiet tal-prezzijiet tal-lukandi, ir-ristoranti u s-servizzi tal-forniment tal-ikel, kull sentejn, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina r-rati tal-ispejjeż tal-missjonijiet (il-gratifikati għas-sussistenza għal kull jum u l-limiti massimi għal-lukandi) permezz ta' att delegat.

L-Eurostat ħejja rapport dwar il-prezzijiet tal-lukandi, ir-ristoranti u s-servizzi tal-forniment tal-ikel, u l-indiċijiet dwar l-evoluzzjoni ta' tali prezzijiet. Ġew użati metodi differenti biex jinqabdu l-movimenti fil-prezzijiet. Il-kobor tal-evoluzzjoni osservata fir-rapport rigward ir-rati attwalment stabbiliti mir-Regolamenti tal-Persunal jirriżulta li għandu jsir rieżami effettiv tar-rati tal-gratifikati għas-sussistenza għal kull jum u l-limiti massimi tal-lukandi.

Apparti minn hekk, wara l-Ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, ir-rimborż lill-uffiċjali u l-aġenti l-oħra tal-ispejjeż marbuta ma' missjonijiet f'dan l-Istat Membru m'għadhomx suġġetti għar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 13(2)"a" tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal. Għaldaqstant, ir-rati tal-ispejjeż tal-missjonijiet fir-Renju Unit m'għadhomx jiddaħħlu fl-iskala li tinsab f'dan ir-Regolament.

Ir-rieżami mill-Kummissjoni tar-rati tal-gratifikati għas-sussistenza għal kull jum u tal-limiti massimi tal-lukandi tinvolvi valutazzjoni ta' sitwazzjonijiet ekonomiċi u/jew soċjali kumplessi. F'tali ċirkustanzi, il-ġurisprudenza tal-qrati tal-UE tikkonferma li l-leġiżlatur igawdi minn marġni wiesa' ta' diskrezzjoni.

Dan ir-Regolament Delegat fih żewġ Artikoli. L-ewwel Artikolu jipprovdi t-tabella bir-rati aġġornati kemm għal-limiti massimi tal-lukandi kif ukoll għall-allowances għas-sussistenza għall-Istati Membri kollha tal-UE. It-tieni Artikolu fih elementi dwar id-dħul fis-seħħ tiegħu u l-applikabbiltà diretta tiegħu.

#### **4. IL-KARATTERISTIĊI EWLENIN TAL-ATT**

Fid-dawl tar-Rapport tal-Eurostat, il-Kummissjoni ddeċidiet li tirrieżamina r-rati stabbiliti L-Artikolu 13(2)"a" tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal:

##### **A. gratifikati għas-sussistenza għal kull jum**

Ir-rieżami jsegwi l-metodu li bih l-evoluzzjoni tal-prezzijiet għas-sussistenza ta' kuljum l-allowance ssegwi l-evoluzzjoni ġenerali tal-prezzijiet bl-esklużjoni tal-akkomodazzjoni (l-akkomodazzjoni hija eskluża peress li hija spiża kbira ta' natura permanenti li mhijiex rilevanti għal missjoni għal żmien qasir). F'Marzu 2019, il-Grupp ta' Ħidma ta' Esperti dwar l-Artikoli 64 u 65 tar-Regolamenti tal-Persunal qabel li l-metodoloġija qafas jenħtieġ li tiġi rfinata biex tirrifletti l-linji gwida l-ġodda tal-missjonijiet implimentati bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2017) 5323 li kienet daħlet fis-seħħ f'Marzu 2018. Il-bidla prinċipali fl-allowances ta' kuljum tikkonċerna l-proporzjon bejn l-ispejjeż ta' sussistenza u dawk inċidentali (minn 75: 25 għal 65: 35).

Fir-rigward tal-kalkolu nnifsu, l-ewwel nett, qed jintuża l-indiċi armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur (HICP, harmonised index of consumer prices) minn Ġunju 2015 sa Ġunju 2023 biex jiġi ffissat il-valur għall-Belġju - qed jintuża l-HICP globali tal-Belġju mingħajr is-subindiċi "tal-abitazzjoni".

It-tieni, il-valuri tal-2023 għall-bqija tal-Istati Membri huma stabbiliti fuq il-bażi tal-parità tal-kapaċità tal-akkwist bilaterali kkalkulata ma' Brussell (huwa użat il-HICP globali Belġjan mingħajr is-subindici "settur tal-abitazzjoni").

### **B. limiti massimi tal-lukandi**

Ir-rieżami jsegwi l-metodu li abbażi tiegħu l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-lukandi hija riflessa mill-evoluzzjoni speċifika tal-prezzijiet tal-lukandi:

Fir-rigward tal-kalkolu nnifsu, l-ewwel nett, is-subindici tal-"Lukandi" tal-HICP Belġjan minn Ġunju 2015 sa Ġunju 2023 jintuża biex jiġi ffixxat il-valur għall-Belġju.

It-tieni, ir-rati tal-2023 għall-bqija tal-Istati Membri huma stabbiliti abbażi tal-parità tal-kapaċità tal-akkwist bilaterali kkalkulata ma' Brussell (huwa użat is-subindici "Lukandi").

It-tielet, ir-rati kkalkulati mill-ġdid huma mqabbla man-nefqa osservata fl-2021 u fl-2022. F'każ li valur inqas minn dak ikkalkulat abbażi tal-HICP ikun biżżejjed biex ikopri 90 % tal-missjonijiet mingħajr derogi, allura l-limitu massimu tal-lukandi li jkun kopra 90 % tal-missjonijiet jinżamm.

Fl-aħħar nett, fid-dawl tal-perjodu twil mill-aħħar rieżami u s-sitwazzjoni estremament volatili, qed jiġi introdott mekkaniżmu li jllimita l-varjazzjonijiet għall-eżerċizzju tal-2024 biex jittratta kwalunkwe bidla f'daqqa fir-rati biss (aktar minn 20 %). L-għanijiet huma li tiġi evitata interferenza mal-interess tas-servizz u li tittejjeb l-effiċjenza. Pereżempju, tnaqqis f'daqqa fir-rati kien joħloq piż amministrattiv addizzjonali peress li xorta jkun għadu meħtieġ li l-Istituzzjonijiet jiżguraw l-operat bla xkiel tal-missjonijiet fl-Istati Membri kkonċernati. Fl-istess ħin żieda kbira tal-limiti massimi tal-lukandi tista' teskludi xi opportunitajiet għal titjib fl-effiċjenza.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 26.2.2025

## dwar ir-rieżami tal-iskala għal missjonijiet minn uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea fl-Istati Membri

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, stabbiliti permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 112(2) tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 13 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal,

Wara li kkonsultat mar-rappreżentanti tal-persunal mill-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 13(3) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, l-Eurostat ippreżenta rapport dwar l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-lukandi, tar-ristoranti u tas-servizzi tal-forniment tal-ikel.
- (2) Dan ir-rapport juri li l-gratifikasi għas-sussistenza għal kull jum u l-limiti massimi tal-lukandi jenħtieġ li jiġu rieżaminati sabiex titqies l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-lukandi, tar-ristoranti u tas-servizzi tal-forniment tal-ikel.
- (3) Ir-rieżami tal-iskala tal-gratifika għas-sussistenza għal kull jum u l-limiti massimi tal-lukandi jinvolve valutazzjoni ta' sitwazzjonijiet ekonomiċi u/jew soċjali kumplessi.
- (4) L-aħħar riforma tar-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-impjieg tal-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea enfazzat il-ħtieġa għal sforz partikolari minn kull amministrazzjoni pubblika u minn kull membru tal-persunal tagħha sabiex itejbu l-effiċjenza u jaġġustaw għat-tibdil fil-kuntest ekonomiku u soċjali fl-Ewropa.
- (5) Wara l-Ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Frar 2020, ir-rimborż lill-uffiċjali u aġenti oħrajn tan-nefqa marbuta ma' missjonijiet f'dan il-pajjiż jenħtieġ li ma jibqax suġġett għar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 13(2)(a) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.
- (6) Għalhekk, l-Artikolu 13(2), il-punt (a), tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOZZAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

Fl-Artikolu 13(2), il-punt (a), tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, it-tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

<sup>1</sup> ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg/1968/259\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/reg/1968/259(1)/oj).

(€EUR)		
Destinazzjoni	Limitu massimu fuq l-ispejjeż tal-lukandi	Allowance ta' kuljum
Il-Belġju	171	132
Il-Bulgarija	121	78
Iċ-Ċekja	149	98
Id-Danimarka	208	172
Il-Ġermanja	154	123
L-Estonja	118	125
L-Irlanda	191	144
Il-Greċja	134	108
Spanja	154	101
Franza	212	127
Il-Kroazja	132	99
L-Italja	178	116
Ċipru	145	103
Il-Latvja	128	110
Il-Litwanja	114	103
Il-Lussemburgu	178	142
L-Ungerija	135	93
Malta	166	109
In-Netherlands	190	137
L-Awstrija	158	131
Il-Polonja	126	95
Il-Portugall	121	95

Ir-Rumanija	109	88
Is-Slovenja	140	108
Is-Slovakkja	120	104
Il-Finlandja	170	155
L-Iżvezja	198	135

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 26.2.2025

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*